MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2009

Numru 1263/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR MELVYN CAMILLERI**
**SPETTUR ELTON TALIANA**
**VS**
**DENNIS ARRIGO AZZOPARDI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Dennis Arrigo Azzopardi ta' 46 sena, iben Joseph u Nikolina xebba Schembri, imwieled Tal-Pieta' nhar is-17 ta' Novembru 1963, residenti 4, Cassar Flats, Triq Papa Urbanu VIII, Birkirkara u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 608063(M).

Illi huwa akkuzat talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

1) Nhar it-8 ta' Novembru 2008 ghal habta tas-14.00 hours fi Triq *ommissis* ikkorrompa persuni ta' taht l-eta' u cioe lil *Ommissis A* ta' 9 snin u *Ommissis B* ta' *ommissis* snin;
2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b'xi mezz barra minn dak imsemmi fl-Artikolu 203(1), eccita, ghen jew iffacilita' l-korruzzjoni ta' l-istess *Ommissis A* ta' *ommissis* snin u *Ommissis B* ta' *ommissis* snin;
3) U aktar talli nhar it-12 u t-13 t'Ottubru 2009 ghal habta tat-15.00 hours fi Triq *ommissis* ikkorrompa persuna ta' taht l-eta' u cioe lil *Ommissis C* ta' 10 snin;
4) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b'xi mezz barra minn dak imsemmi fl-Artikolu 203(1), eccita, ghen jew iffacilita' l-korruzzjoni ta' *Ommissis C* ta' *ommissis* snin;
5) U aktar talli nhar l-1 ta' Novembru 2009 ghal habta tad-09.00 hours fi *ommissis* ikkorrompa persuni ta' taht l-eta' u cioe lil *Ommissis D* ta' *ommissis* snin;
6) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b'xi mezz barra minn dak imsemmi fl-Artikolu 203(1), eccita, ghen jew iffacilita' l-korruzzjoni ta' *Ommissis D* ta' *ommissis* snin;
7) U aktar talli fl-4 ta' Ottubru 2009 ghal habta ta' l-10:45 hours fi Triq *ommissis* offenda l-pudur jew il-morali b'eghmil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku;
8) U aktar talli fid-29 ta' Novembru 2009 ghal habta tat-08.30 hours fi Triq *ommissis* offenda l-pudur jew il-morali b'eghmil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat (a fol.16);

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat Dennis Arrigo Azzopardi hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 203, 209 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannah ghal tlett snin u nofs prigunerija. Il-Qorti tirrakomanda li l-imputat jinzamm temporanjament f’Mount. Carmel sabiex jiehu l-kura illi ghandu bzonn. In oltre’, ai termini ta’ l-Artikoli 412C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna l-hrug ta’ Ordni ta’ Protezzjoni kontra l-imputat, wara li hadet in konsiderazzjoni l-Artikolu 412C(4) favur il-minuri indikati fl-akkuza u l-familji taghhom u dana ghal perijodu ta’ tlett snin, b’dana li tiprojibixxi lill-imputat milli javvicina lill-istess minuri u l-familjari taghhom u tiprojibixxi lill-imputat minn kull forma ta’ kuntatt mal-minuri u l-familjari taghhom.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat ikkorrompa erba (4) minuri, il-fatt illi l-atti di libidini kienu jikkonsistu f’esponar tieghu inniffsu u f’masturbazzjoni quddiem l-istess minuri, f’post pubbliku u l-fatt illi l-imputat ga instab hati ta’ l-istess offiza u cioe talli offenda l-pudur jew morali b’eghmil f’post pubbliku.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------